TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 382/10

**Saviour J. Cilia**

**vs**

**Patrick Grech f'ismu personali u eżerċenti fin-negozju taħt l-isem Patrick Woodworks**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mija u dsatax-il ewro, u disgħa w għoxrin ċenteżmi (€419.29), rappreżentanti riparazzjoni tal-gallarija li kellha diversi nuqqasijiet.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' tiswija fuq gallarija liema xogħol ma sarx tajjeb u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal ra wkoll ir-ritratti tal-gallarija li jidher illi sar xogħol ta' kwalita' inferjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' erba' mija u dsatax-il ewro, u disgħa w għoxrin ċenteżmi (€419.29), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888